MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Numru 486/2005

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Anthony Grech
Raymond Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Anthony Grech u Raymond Grech detenturi ta’ karta ta’ identita’ numru 654047(M) u 1554(M) rispettivament, akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta’ Gunju 2002, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentament ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz. (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 188, 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat l-atti u d-dokumenti.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni huma ippersistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat:

Li fuq ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputati issibhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Rat l-Artikolu 188, 189 tal-Kap 9. Wara li qieset ic-cirkostanzi kif ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputati tiddeciedi li tilliberahom taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fl-imsemmi perjodu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------